# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 20**

**Rikors numru 221/14/1 FDP**

**Dorianne Stanicic u**
**Jurgen Stanicic**

**v.**

**Supretendent Sptar Mater Dei u**
**t-Tabib Prinċipali tal-Gvern**

**PRELIMINARI:**

1. Fir-rikors ġuramentat tagħhom li ġie ppreżentat fl-14 ta' Marzu 2014 l-atturi sostnew li "*minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regoli kollha fil-kura medika*" da parti tal-konvenuti, (i) huma tilfu lit-tarbija tagħhom fl-aħħar stadju tat-tqala tal-attriċi qabel il-ħlas, u (ii)

tħalliet garża fil-ġisem tal-attriċi meta kienu qegħdin isirulha l-punti in segwitu għall-imsemmi ħlas. Huma għalhekk talbu[1] lill-Qorti sabiex:

(i) tiddikjara lill-konvenuti responsabbli għad-danni sofferti minnhom;

(ii) tillikwida l-istess danni, jekk hemm bżonn permezz ta' periti indipendenti;

(iii) tikkundanna lill-konvenuti jħallsuhom id-danni hekk likwidati;

bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni u bl-imgħaxjiet u l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Frar 2013.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2020 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-atturi limitatament għal dak li jirrigwarda l-episodju fejn tħalliet il-garża ġewwa l-ġisem tal-attriċi Dorianne Stanicic (fejn konsegwentement ikkundannat lill-konvenuti *in solidum* sabiex iħallsu lill-atturi €15,000 in linea ta' danni), u mhux ukoll fir-rigward tal-mewt tat-tarbija. Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti *in solidum.*

3. Minn tali sentenza appellaw iż-żewġ partijiet:

[1] Jidher li bi żvista meta l-Ewwel Qorti rriproduċiet ir-rikors ġuramentat, ma rriproduċietx ukoll it-talbiet attriċi.

(a) <u>Fid-9 ta' Lulju 2020 l-atturi ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom li fih talbu lil din il-Qorti sabiex</u>:

> *" …tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar l-inċident tal-garża u dwar iċ-ċaħda tal-eċċezzjonijiet kollha, u tirrevokaha fejn ċaħdet it-talba għad-danni dwar il-mewt tat-tarbija, billi tillikwida l-istess u tikkundanna lill-konventi jħallsu l-ammont likwidat. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti."*

(b) <u>Fl-10 ta' Lulju 2020 il-konvenuti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom li fih talbu lil din il-Qorti sabiex</u>:

> *"…tikkonferma dik il-parti fejn eżonerat mir-responsabbiltà lill-appellanti u l-konsegwenzjali danni f' dik il-parti li tikkonċerna l-mewt tat-tarbija, filwaqt li tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata f' dik il-parti fejn sabet responsabbiltà tal-appellanti għall-garża li tħalliet fuq il-persuna tal-appellata u f' dik il-parti li tikkonċerna l-likwidazzjoni ta' danni għall-garża li tħalliet….u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati."*

4. Għal intendiment aħjar ta' dawn iż-żewġ appelli din il-Qorti qiegħda tirriproduċi partijiet mis-sentenza appellata:

> "Il-Qorti:-
>
> Rat ir-rikors datat 14 ta' Marzu 2014, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:
>
> > 1. Fit-23 ta' Frar 2011 kien hemm appuntament fl-out patients tal-ginekoloġija u ma ntuża l-ebda monitor u l-ebda *ultrasound* pero' lill-mara qalulha illi kienet miftuħa 2 u jistgħu jmorru lejn id-dar. Fis-27 ta' Frar 2011 bejn l-erbgħa u nofs u l-ħamsa, Dorianne Stanicic marret għamlet *ultrasound* St. James Ħaż-Żabbar għax ma bdietx tħoss it-tarbija tiċċaqlaq u beżgħet. Hawnhekk tawha parir biex imorru l-Isptar Mater Dei għax in-nurse bdiet tibża' li l-magna mhix tajba.
> >
> > 2. Fis-27 ta' Frar 2011, immedjatament wara, tlaqna minn St. James u morna l-isptar Mater Dei u dħalna fid-delivery suites. Sar *ultrasound* u tawna l-aħbar li t-tarbija mejta. Wara, l-istess tabib li għamlilna l-*ultrasound*, ġie biex jibda l-proċess u ma setax jifqa' l-ilma u qal lil Dorianne "min qallek li qiegħda miftuħa 2? Ghax lanqas

l-ilma ma nista' nifqagħlek." Għaddejna lejl f'kamra għal tal-apposta għal meta jiġru każijiet simili bħal tagħna. Għamlulha tip ta' gel biex tibda l-proċess. Fit-28 ta' Frar ġie Dr. Kraus biex jifqgħalha l-ilma ħalli tkun tista' twelled. Ħadu lil Dorianne f'Room 7 fl-istess ward biex isir it-twelid fejn *midwife*s jassistuha kien hemm Vincienne Brockdorf u Mary Mercieca. Dan kien għall-ħabta tat-tmienja u nofs. Fis-sagħtejn ġew Sandra Castillo, counsellor, u Dr. Isabella Borg biex jaraw kif xtaqet li ssir l-awtopsja u biex ikellmuna fuq il-kunsens għal xi tip ta' testijiet oħra. Aħna tajna l-kunsens li ssir full autopsy. Fl-erbgħa ta' wara nofsinhar beda l-prożess tal-ħlas fejn ħa żmien ta' bejn wieħed u ieħor siegħa. Kien hawn fejn twieldet it-tifla u wara urewna s-sekonda biex juruna illi t-twelid kien sħiħ. Jien erfajt lit-tifla u meta għannaqtha miegħi, minn ħalqha ħareġ id-demm u ċappsitli ħwejġi u ċioe' l-flokk li kont liebes. Nixtieq ngħid li t-tifla twieldet tiżen 3.140kg.

3. Fit-28 ta' Frar għal-ħabta tal-ħamsa u kwart, wara t-twelid, il-mara kellha bżonn li jsirulha xi punti fil-parti tagħha għaliex bit-twelid kienet iċċartet. Kien hawn fejn ġiet it-tabiba biex tibda tagħmel il-punti. Waqt li bdiet l-intervent tagħha, wara ftit ħin, daqqilha l-mobile u talbet lill-mara biex tiskużaha. Qamet minn postha u marret twieġeb il-messaġġ li kien daħlilha. Reġgħet ġiet, libset par ingwanti oħra u reġgħet bdiet tħit. Kien hawn fejn reġa' daqq il-mobile u reġgħet talbet lill-mara biex tiskużaha ħalli terġa' twieġeb il-messaġġ. Telqet minn idha u wieġbet il-messaġġ. Reġgħet ġiet biex tkompli, libset par ingwanti oħra u kompliet. Wara ftit ħin reġa' daqq il-mobile, ringtone fit-tul, kienet call. Reġgħet talbet lill-mara biex tiskużaha ħalli tieħu t-telefonata u smajtha tgħid "Ma', ħa nħallik għax għandi patients." Qatgħet u reġgħet ġiet biex tkompli.

4. Għal-ħabta tal-ħamsa u kwart tat-28 ta' Frar, wara li ppruvat tkompli tħit, ħarset lejn il-mara u qaltilha "sorry, m'intix ta' jdejja, ħa mmur insejjaħ lil ta' fuqi". U ħarġet mill-kamra. Wara xi ħames minuti daħal tabib waħdu, poġġiha bilqiegħda u kompla jħit. Lesta f'xi għaxar minuti u telaq 'il barra.

5. Fl-1 ta' Marzu 2011 għall-ħabta tal-ħdax u nofs qalulna jekk irridu stajna mmorru lejn id-dar u hekk għamilna. Minn mindu l-mara ħarġet mill-isptar, għall-perjodu twil, sal-aħħar ta' April 2011, Dr. Dalli Xuereb, tabib tal-familja, kien jiġi jagħmlilha visti minn darbtejn sa tlieta fil-ġimgħa. Dan minħabba rwejjaħ insapportabbli li kien ikollha u dejjem kien jordnalha mediċini għax kien qed jaħseb li kienet xi infezzjoni. Fit-30 ta' April 2011 għall-ħabta tal-għaxra tal-bil-lejl, waqt li konna fis-sodda, indunajt li qed tħoss xi ħaġa mhux f'postha fil-parti tagħha u qaltli l-mara, "naħseb għandi xi punt li għadu ma nqatax" u wara ftit ħin qaltli, "Madonna, hawn x'għandi?" Kien hawn li mill-parti tagħha ġibdet swab ta' 10 by 10 cm li kienet maħmuġa sew b'demm u b'ħafna materjal disgustanti ieħor. Ir-riħa insapportabbli li kien ikollha l-mara fuqha, wara li għalaqna l-iswab

ġo borża, ma kienx għadha hemm. Fl-1 ta' Mejju 2011, għall-għaxra ta' filgħodu, konna qegħdin ma' xi ħbieb oħra Għawdex fejn dak il-ħin il-mara ċemplet lil Mr. Mamo, gynaecologist li bih konna ninqdew aħna u qaltlu b'li konna skoprejna u qalilha biex ma tippanikjax. Imma aħna xtaqna second opinion u għalhekk morna l-isptar t'Għawdex u hemm sibna tabib li eżaminaha u ordnalha xi mediċini waqt li dar fuqi u qalli "dan lucky għax dan huwa każ fatali". Fit-2 ta' Mejju waqt li kont għadni irrabjat għal dak li ġara, kont ċempilt lill-Ministru tas-Saħħa biex jekk ikun possibbli nagħmel appuntament mal-Ministru ta' dak iż-żmien Dr. Joe Cassar u kien hawn fejn qaluli biex nagħmel l-ilment tiegħi lil customer care tal-Mater Dei Hospital. F'Mejju 2011 kellna appuntament il-Gynae Outpatients biex immorru għar-riżultat tal-awtopsja. Meta dħalna sibna lil Dr. Muscat Berran u tabiba oħra u wara li wrew id-dispjaċir tiegħu għall-mewt tat-tifla, qaltilna "sfortunatament qegħdin fl-2011 u mingħalina li nafu ħafna fuq ix-xjenza imma ma nafu xejn". Jien staqsejt biex nara x'riżultat tal-awtopsja u kien pront qalli, "hawn ħa arah u dum kemm trid imma dan minn hawn ma joħroġx". Fost ħafna kliem li beda jgħid, jiena staqsejtu fuq il-cause of death fejn kien hemm miktuba "lack of oxygen" u huwa qalli, "qisek għandek cake ġo liquidizer u qlajtlu l-plakka u ma ġiex tajjeb". Jien dak ma rajthiex raġuni u minn hawn beda jgħaddili l-ħsieb ħażin li xi ħaġa ma kinitx f'postha. F'Mejju rċevejna appuntament biex niltaqa' ma' Dr. Bridget Gafa'. Kien hawn fejn konna ħadna l-garża magħna u tlabniha biex jeżaminawha għax skont hi bdiet taħseb li poġġejniha aħna. F'Ġunju 2011 kellna appuntament ma' Dr. Isabella Borg tal-genetics fejn spjegatilna li minn kampjuni tad-demm li ttiħdulna mill-genetics tagħna, kellhom kollox tajjeb waqt li kienet irrabjata ħafna għal mod li bih ittrattawna fejn qaltilna "għandkom stilla ħamra daqshiex fuq il-file, li tfisser biex itukom iktar attenzjoni u ma nafx għaliex ħallewkom sal-aħħar". Nixtieq inżid li fil-perjodu minn wara t-twelid sa' Awwissu konna mmorru għand Mrs. Sandra Castillo darba fil-ġimgħa u ġieli darba kull ħmistax għat-trawma li konna għaddejjin minnha.

6. Irrid ngħid illi dik il-marka li kien hemm fuq il-file tal-mara kienet saret minħabba l-attenzjoni speċjali illi kellha tingħata lill-mara fit-twelid. Kif diġa' spjegajt, dan ma sarx għaliex kienu qalu illi l-mara kienet miftuħa 2 u bagħtuna lejn id-dar. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża, kemm minħabba li ġiet kkawżata l-mewt tat-tarbija illi m'hemm l-ebda sinjal li ma kinitx viable, u t-trawma konsegwenti illi għaddejna u għadna għaddejjin minnha kif ukoll għall-fatt ta' traskuraġni tal-garża illi wkoll kellha effett ħażin fuq il-mara tiegħi.

Rat illi l-atti ġew notifikati lis-Supretendent Mater Dei Hospital, Avukat Ġenerali u Tabib tal-Gvern fl-4 ta' April 2014 (fol 18).

Rat illi fl-14 ta' April 2014 it-Tabib Prinċipali tal-Gvern laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

1. Illi preliminarjament l-Intimat Supretendent tal-Isptar Mater Dei ma għandux ebda locus standi u ġie mħarrek inutilment *stante* illi huwa ma għandux ir-rappreżentanza ġuridika tad-Dipartiment tas-Saħħa u dana ai termini tal-Artikolu 181 B tal-Kap 12.

2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għal premess it-Tabib Ewlieni tal-Gvern lanqas ma għandu locus standi f'dawn il-proċeduri *stante* li l-lanjanza tar-rikorrenti hija rigward il-kura medika mogħtija lil Dorianne Stanicic liema kura medika ma ngħatatx minn dan l-intimat iżda mit-tobba professjonisti. Dan l-intimat jirrispondi biss għal culpa in vigilando u culpa in eligendo, li lanqas biss ma huma allegati mir-rikorrenta.

3. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent Jurgen Stanicic ma għandu ebda locus standi f'dawn il-proċeduri *stante* illi l-kura u s-servizzi tas-Saħħa kollha ingħataw lil Dorianne Stanicic u għalhekk ma jeżisti ebda vinkolu bejn dan ir-rikorrent u xi ħadd mill-intimat.

4. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għal premess l-irritwalita' tar-rikors promotur *stante* li ebda indikażżjoni tad-danni subiti mir-rikorrenti u dana b'detriment ċar u manifest għall-intimati *stante* illi ma humiex f'pożizzjoni illi jiddefendu ruħhom b'mod xieraq sew u għalhekk huma f'pożizzjoni żvantaġġata.

5. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess il-kura u l-attenzjoni kollha mogħtija lir-rikorrenta kienet secundem artem u għalhekk kwalsiasi allegazzjoni u pretensjoni għad-danni hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

6. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-allegazzjoni fil-konfront tal-avukat sottofrimat hija wkoll totalment infondata u bla bażi, *stante* illi l-allegata garża ġiet prodotta mir-rikorrenti minn jeddhom fit-tentattiv tagħhom illi jkunu kredibbli fl-allegazzjonijiet vantati minnhom.

7. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess u a skans ta' kull ekwivoku ħadd mir-rikorrenti (mill-intimati![2] ) ma jirrispondi għad-danni pretiżi mir-rikorrenti *stante* illi kwalsiasi dannu allegat ma ġrawx tort ta' xi nuqqas imputabbli lil imsemmija intimati.

8. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in toto bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.

Rat illi ma daħlet ebda risposta oħra u għalhekk tifhem illi tali risposta kienet intiża kemm għas-Supretendent Mater Dei Hospital kif ukoll għat-Tabib tal-Gvern, kif del resto jirriżulta fis-sottomissjonijet finali

[2] Jidher illi saret referenza żbaljata f'dina l-parti tar-rikors

tagħhom.

Rat illi fit-12 ta' Ġunju 2014 il-Qorti ordnat illi jinbdew il-provi.

**Provi**

Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Dorianne Stanicic**, ppreżentat fit-13 ta' Ġunju 2014. (fol 25)

Rat il-kopja tal-file mediku ta' Dorianne Stanicic ppreżentat mill-intimati fl-20 ta' Jannar 2015. (fol 35 - 338)

Rat ix-xhieda ta' **Dr Darryl Xuereb**, mogħtija fit-22 ta' Jannar 2015 u prodott mir-rikorrenti. (fol 340)

Rat ix-xhieda ta' **Dr Yves Muscat Baron**, mogħtija fit-12 ta' Mejju 2015. (fol 351)

Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti fis-6 ta' Ottubru 2015, ossija korrispondenza mill-Customer Care Unit datata 6 ta' April 2012 dwar l-ilment tar-rikorrenti. (fol 356)

Rat illi fis-6 ta' Ottubru 2015 ir-rikorrenti ddikjaraw illi għalqu l-provi.

Rat illi fl-24 ta' Novembru 2015 ġiet appuntata Dr Anne Portelli bħala Perit Legali biex tisma' x-xhieda u tirrelata dwar il-każ.

Rat illi fit-2 ta' Novembru 2018 il-Perit Legali ppreżentat ir-relazzjoni tagħha wara illi semgħet ix-xhieda u saru s-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet. (fol 416)

Rat illi quddiem il-Perit Legali Dr Anne Portelli, instemgħu s-segwenti xhieda:

a. Xhieda in eżami ta' Dr Yves Muscat Baron fid-19 ta' Frar 2016.

b. Xhieda in eżami ta' Dr Michelle Montanaro Gauci fid-19 ta' Frar 2016.

c. Xhieda in kontro eżami ta' Dr Yves Muscat Baron fil-5 ta' Ottubru 2017.

d. Xhieda in kontro eżami ta' Dr Michelle Montanaro Gauci fit-30 ta' Jannar 2018.

Rat ukoll illi quddiem l-Perit Legali saru s-sottomissjoniet bil-miktub tar-rikorrenti (fol 385) u tal-intimati Supretendent tal-Isptar Mater Dei u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern (fol 390) kif ukoll saru s-sottomissjonijiet viva voce.

Rat illi fis-17 ta' Ottubru 2019 dina l-Qorti, kif presjeduta, ħadet konjizzjoni tal-każ u awtorizzat lill-partijiet jagħmlu domandi in eskussjoni bil-miktub jekk iħossu opportun.

Rat id-domandi in eskussjoni bil-miktub ta' l-intimati illi saru fid-19 ta' Novembru 2018. (fol 543 u 554)

Rat ir-risposti tal-Perit Legali bil-miktub illi ġew ippreżentati fis-17 ta' Ottubru 2019. (fol 558)

Rat illi l-intimati, wara l-egħluq tal-provi kollha u tar-relazzjoni fil-31 ta' Jannar 2019, l-intimati, fil-21 ta' Ottubru 2019, talbu għal ħatra ta' espert mediku (fol 571), liema talba ġiet miċħuda minn dina l-Qorti fid-19 ta' Novembru 2019.

Rat id-domandi in eskussjoni bil-miktub tar-rikorrenti illi saret fis-27 ta' Novembru 2019, (fol 579)

Rat ir-risposti għad-domandi in eskussjoni tar-rikorrenti illi saru mill-Perit Legali fil-21 ta' Jannar 2020. (fol 583)

Rat illi fil-21 ta' Jannar 2020 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

Rat illi minħabba fl-egħluq tal-Qorti in vista tal-pandemija Covid-19, il-Qorti ma setgħetx tippronunzja ruħha qabel illum.

**Ikkunsidrat**

Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti Dorianne Stanicic, fi Frar 2011, kienet tqila bit-tieni tarbija tagħha, wara illi kellha varji korrimenti qabel, u kienet fl-aħħar stadju tat-tqala tagħha qabel il-ħlas.

Jirriżulta illi fit-23 ta' Frar 2011, hija marret l-'out patients' ta' l-iSptar Mater Dei sabiex issirilha vista peress illi t-tqala kienet riesqa lejn tmiemha, u dakinkhar, meta ġiet invistata minn Dr Michelle Montanaro Gauci illi, wara li għamlitilha t-testijiet fiżiċi u anke domandi, ikkonkludiet illi r-rikorrenti Dorianne Stanicic kienet għadha mhix fi stat biex twelled u għalhekk qaltilha biex tmur lura d-dar.

Jirriżulta illi, dakinhar Dr Montanaro Gauci, kif rat l-istorja tar-rikorrenti w eżaminat it-tarbija u flimkien mat-tobba tat-'team' tal-Professur Yves Muscat Baron, illi taħt il-kura tagħha kienet dak iż-żmien r-rikorrenti, ġie deċiż illi r-rikorrenti Dorianne Stanicic, minkejja l-fatt li kienet ġia' korriet tlett darbiet qabel, setgħet xorta waħda jkollha ħlas normali dak iż-żmien, anke in vista tal-fatt illi t-tarbija kienet f'posizzjoni tajba u l-fatt li, preċedentement, welldet l-ewwel tarbija tagħha b'operazzjoni taċ-ċesarja, u għalhekk ma kienx opportun illi t-twelid ma jkunx wieħed naturali, sa fejn possibbli.

Jirriżulta illi għalhekk, Dorianne Stanicic reġgħet intbagħtet lura d-dar

u ntalbet tiġi lura ġimgħa wara.

Jirriżulta illi ftit jiem wara, fis-27 ta' Frar 2011, meta kellha tqala ta' 39 ġimgħa u tlett ijiem, hija ma baqgħetx tħoss moviment tat-tarbija u, wara li marret privatament ġewwa St. James Hospital, hija intbżgħtet l-Isptar għax minn St. James Hospital ma kenux ċerti illi l-apparat tagħhom kien qed jaħdem.

Jirriżulta illi hekk kif marret l-Isptar Mater Dei, ġiet mal-ewwel eżaminata u ingħatat l-aħbar traġika illi t-tarbija tagħha kienet attwalment mietet, u għalhekk inżammet l-Isptar.

Jirriżulta illi l-għada, 28 ta' Frar 2011, hija welldet lit-tarbija mejta u, sussegwentement awtorizzaw li ssir awtopsja fuq it-tarbija, liema awtopsja sussegwentement sabet illi t-tarbija mietet riżultat ta' "intrauterine anoxia', ossija ssoffokata b'nuqqas ta' ossiġenu.

Jirriżulta illi wara t-twelid, lir-rikorrenti Dorianne Stanicic kellhom isirulha xi punti minħabba f'tiċrit illi seħħ, u, skond ir-rikorrenti, l-proċess adoperat mit-tabiba, mhux identifikata tul il-proċess kollu tal-każ, li kienet qed tagħmillha l-intervent ma kienx wieħed professjonali, fejn it-tabiba waqqfet varji drabi sabiex tirrispondi telefonati personali fuq il-mobile tagħha u eventwalment għajtet għall-assistenza ta' tabib ieħor *stante* illi, skond ir-rikorrenti, qalet illi ma kienx ta' jdejha.

Jirriżulta illi sussegwentement ir-rikorrenti Dorianne Stanicic ġiet rilaxxjata u marret lura d-dar iżda bdiet tilmenta minn irwejjaħ ħżiena mill-parti intima tagħha u t-tabib personali tagħha, Dr Darryl Xuereb ippreskrivilha mediċini sabiex jtaffu kwalsiasi infjammazzjoni illi setgħet qed tikkawża tali sitwazzjoni.

Jirriżulta illi, eventwalment, fit-30 ta' April 2011, waqt illi r-rikorrenti kienu qegħdin btala Għawdex sabiex jirkupraw mit-trawma tal-mewt tat-tarbija, mill-parti intima tagħha ħarġet garża ta' għaxar ċentimetri kwadru (10 x 10 cm) illi kienet attwalment qed tikkawżalha l-irwejjaħ u li, skond ir-rikorrenti, tħalliet bi żvista waqt l-intervent illi kien qed isirilha wara l-ħlas meta sarulha xi punti riżultat tat-tiċrit illi kien ġralha.

Jirriżulta illi l-għada huma marru l-Isptar Għawdex sabiex tiġi invistata u t-tabib illi invistaha, apparti li ppreskrivilha serje ta' mediċini, għarrafha illi l-inċident li ġralha kien wieħed gravi li seta' kellu konsegwenzi fatali.

Sussegwentement huma ddiskutew il-każ mal-awtoritajiet ta' l-Isptar, ossija kemm il-kwistjoni tal-mewt tat-tarbija ftit qabel it-twelid, kif ukoll tal-garża illi tħalliet ġewwa r-rikorrenti u, għalkemm skond ir-rikorrenti Stanicic, mument minnhom l-intimati offrewlha €5,000 f'kumpens, hija ma aċċettatx u eventwalment bdew bil-proċeduri odjerni fl-14 ta' Marzu 2014.

Jirriżulta, finalment, mir-rekords mediċi esebiti mill-intimati, illi wara tali trawma, r-rikorrenti, sa meta ġew ippreżentati r-rekords kliniċi mill-intimati fl-20 ta' Jannar 2015, kellha żewġt trabi oħra b'saħħitihom illi twieldu fis-6 ta' Ġunju 2012 u fis-16 ta' Lulju 2014, lkoll permezz ta' operazzjoni magħrufa bħala 'Cesaria'.

**Difiżi**

Jirriżulta illi l-intimati, qajjmu varji difiżi sabiex jeżimu ruħhom mir-responsabbilta' fil-każ odjern.

Jirriżulta illi l-abbli Perit Legali ikkunsidrat tali difiżi, u għalhekk ikun opportun illi l-konsiderazzjonijiet u konstatazzjonijiet tagħha jiġu inklużi fil-korp tas-sentenza, għall-kompletezza tal-proċeduri odjerni.

***…omissis…***

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Dina l-Qorti, wara illi għarblet fir-reqqa r-rapport redatt mill-Perit Legali, tosserva illi filwaqt illi hija predisposta illi tabbraċċja l-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit Legali rigwardanti responsabbiltà għal dak illi jirrigwarda l-fatt illi tħalliet garża fil-parti intima tar-rikorrenti Dorianne Stanicic waqt l-operazzjoni illi saret wara l-ħlas tat-tarbija mejta, abbażi tal-provi prodotti ma hijiex, madanakollu, konvinta mill-konklużjonijiet milħuqa mill-istess Espert Legali fejn jirrigwarda responsabbiltà' tal-intimati għal dak illi jirrigwarda l-mewt tat-tarbija tar-rikorrenti qabel il-ħlas, u għalhekk ma tagħmilx tagħha l-konklużjonijiet ta' l-abbli Perit Legali għal dak illi jirrigwarda l-mewt tat-tarbija.

Il-Qorti tirrileva illi, bħalma għandha kull dritt illi tagħmel il-Qorti, hija tista' tabbraċċja jew tiċħad kwalsiasi relazzjoni ta' espert, jew in parte jew in toto, w il-Qorti tħoss illi, fil-każ odjern, ser ikollha tagħmel dan.

Madanakollu, għandu jingħad illi, għal dak illi jirrigwarda l-varji eċċezzjonijiet preliminari mqajjma mill-intimati bit-tama illi jaħarbu mir-responsabbiltà tagħhom, il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet kollha tal-Perit Legali, sa fejn kompatibbli ma' dak fuq dikjarat, u dana fis-sens illi:

a. Is-Supretendent tal-Isptar Mater Dei għandu locus standi fil-każ odjern, bħala l-persuna responsabbli mit-tmexxija ta' l-Isptar Mater Dei - għalhekk l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati għandha tiġi respinta.

b. It-Tabib Ewlieni tal-Gvern għandu **wkoll** locus standi fil-każ odjern, *stante* illi huwa t-Tabib Prinċipali tal-Gvern u, bħala tali, għandu jirrispondi għal kwalsiasi nuqqas ta' tabib u impjegat ieħor fl-impjieg tal-Gvern, u dana kemm taħt il-kappa ta' '*culpa in*

*eligendo'* kif ukoll '*culpa in vigilando'*, għalkemm, fil-każ odjern, aktar japplika l-każ ta' '*culpa in eligendo'*, meta tqis illi ġiet impjegata persuna li, b'nuqqas u negliġenza, ħalliet garża ġewwa l-pazjent illi hija kienet qiegħda topera, bil-perikolu għal saħħet tali persuna – għalhekk it-tieni eċċezzjoni ta' l-intimati għandha tiġi respinta.

c. Jurgen Stanicic, bħala r-raġel tar-rikorrenti Dorianne Stanicic, għandu kull dritt illi jipparteċipa f'tali azzjoni, kemm bħala ir-raġel tal-pazjenta illi tħallitilha garża ġewwa ġisimha kif ukoll bħala missier tat-tarbija li mietet qabel il-ħlas – għalhekk it-tielet eċċezzjoni għandha tiġi respinta.

d. Dwar danni, għalkemm huwa minnu illi r-rikorrenti naqsu milli jidentifikaw danni illi huma setgħu sofrew kif ukoll illi li kienu qed jippretendu, nuqqas illi ċertament ma jgħin xejn lill-Qorti meta tiġi biex jiġu stabbiliti d-danni illi għandhom jiġu likwidati, dana minnu nnifsu ma jrendix null ir-rikors promotur, peress illi d-danni jiġu stabbiliti mil-assjem tal-provi – għalhekk ir-raba' eċċezzjoni għandha tiġi respinta.

e. Il-fatt illi tħalliet 'garża' ġewwa il-parti intima tar-rikorrenti Dorianne Stanicic ċertament ma jista' qatt jitqies bħala illi l-intimati taw lir-rikorrenti s-servizz lilha mistħoqq '*secondum artem'*, peress illi ma jista' jkun hemm ebda dubju illi QATT ma għandhom jitħallew affarijiet esterni mhux intiżi għall-ġewwa l-ġisem, ĠEWWA persuna wara illi ssir operazzjoni, peress illi dana jista' jwassal għall-effetti fatali – għalhekk, il-ħames eċċezzjoni għandha tiġi respinta.

f. In vista ta' ammissjoni ċara u kristallina ta' l-intimati permezz ta' Ittra tagħhom datata 6 ta' April 2012 fejn AMMETTEW illi " *a swab had been inadvertetly left in Ms Stanicic vagina during the epostomy"* [3] , il-Qorti issibha diffiċli ħafna tifhem kif l-intimati setgħu joħolmu b'tali tip ta' difiża kontradittorja għal dan minnhom ammess – għalhekk is-sitt eċċezzjoni għandha tiġi respinta.

g. In-nuqqas ta' persuna fl-impjieg u taħt ir-responsabbilta' ta' l-intimati iwassal għall-konsegwenza naturali illi huma għandhom jirrispondu għal kwalsiasi dannu illi tali nuqqas seta' irreka – għalhekk is-seba' eċċezzjoni għandha tiġi respinta.

**Responsabbilta'**

Jirriżulta, mhux mir-rikors promotur iżda mill-assjem tal-provi, illi bl-azzjoni odjerna r-rikorrenti qegħdin jitlobu għal dikjarazzjoni ta' responsabbilta' għal żewġ akkaduti:

a. Għal fatt illi tħalliet garża fil-parti intima tar-rikorrent

[3] Fol 356

Dorianne Stanicic.

b. Għal mewt tat-tarbija waqt it-tqala.

***A. 'Garża'***

Għal dak illi jirrigwarda l-akkadut illi tħalliet 'garża' ta' 10 ċentimetri kwadri, il-Qorti ftit wisq għandha xi tgħid salv illi kienet tippretendi li l-intimati, a differenza tal-linja difensjonali tagħhom fil-proċeduri odjerni, kien ikollhom id-diċenza illi jammettu responsabbiltà' f'tali kwistjoni minnufih!

Il-Qorti qiegħda tgħid dan, u b'ċerta fermezza, peress illi l-lealta' lejn il-pazjent u lejn il-Qrati kellhom iwasslu sabiex l-intimati, minnufih, jammettu tort għal dak illi huma, <u>sentejn qabel ma ppreżentaw id-difiża tagħhom</u>, kienu ġia' ammettew. Il-Qorti tħoss illi, għas-skanz ta' kwalsiasi malintiż, ikun opportun illi tiġi riprodotta il-parti kruċjali tal-ammissjoni tagħhom lir-rikorrenti fis-6 ta' April 2012:

> *"As promised we have investigated your complaint and conducted a peer review to identify whether there were any shortcomings in the service given to your wife during her stay at the hospital. This review was composed of Dr. Brigitte Gafa (legal advisor), Mr. Albert Scerri (Consultant gyneacologist and obstetrician) and Dr. Antonella Grima. The Board carried out a thorough evaluation of the medical history, interviewed your wife as well as your good self and the employees who were identified as having given the service to your wife. The enquiry mainly centered on the fact that during a minor intervention on Ms Stanicic, a swab was allegedly left inside her due to the fact that the doctor who was carrying out this intervention allegedly kept interrupting the procedure in order to answer the phone.*
>
> ***From the evidence collected the peer review concluded that indeed a swab had been inadvertently left in Ms Stanicic vagina during the episiotomy**. Although this is considered as a minor mishap please accept our heartfelt apologies for the discomfort that this may have caused to your wife. Since it appears that the procedure was interrupted half way to be handed over to a more senior person it was not possible to identify with precision the stage when the swab had been inserted in Ms Stanicic vagina and unfortunately left there.*
>
> ***We apologise again for this incident and please rest assured that through your case our professionals concerned with such interventions will be more focused than ever before as we will be strictly monitoring their performance to ensure that such incident won't repeat itself.**"*

Il-Qorti, għal darba oħra, ma tistax ma tesprimix l-inkredulita' tagħha kif, wara tali ammissjoni ċara u limpida ta' nuqqas da' parte tagħhom, l-intimati sussegwentement, rinfaċċjati bi proċeduri legali, rrinegaw kwalsiasi ammissjoni tagħhom u allegaw li "*l-allegata garża ġiet*

*prodotta mir-rikorrent minn jeddhom fit-tentattiv tagħhom illi jkunu kredibbli fl-allegazzjonijiet vantanti minnhom".*[4]

Il-Qorti tittama illi tali difiża kienet riżultat ta' lapsus da' parte tal-intimati illi kienu ġia' ammettew għal tali żball, u mhux tentattiv sabiex tiżvija l-Qorti fis-sejbien finali tar-responsabbiltà.

Madanakollu, tali nuqqas jirriżulta bl-aktar mod ċar u inekwivoku u ma hijiex skużanti li dina titqies bħala "*minor mishap*", peress illi pazjent qatt ma għandu jistenna li titħalla ġewwa fih oġġett aljen għal ġismu bi żball minn tabib illi f'idejh huwa qiegħed jafda ħajtu.

***B. Mewt tat-tarbija***

Jirriżulta illi l-abbli Perit Legali, fil-konklużjonijiet tar-rapport tagħha, fejn jirrigwarda r-responsabbiltà għal mewt tat-tarbija, tagħmel is-segwenti assersjonijiet[5] :

> *"Huwa minnhu li Dorianne Stanicic kellha kumplikazzjonijiet qabel din it-tqala, pero' kif qed jiġi kkonfermat mit-tabiba stess fit-tqala in kwistjoni r-rikorrenti ma kellhiex problemi, iżda kellha stilla ħamra fil-file li tindika li trid tingħata attenzjoni speċjali. Għalhekk waqt li hu minnu li Dorianne Stanicic kellha twelled b'mod naturali, hija kellha tinżamm l-isptar għaliex bil-membrane sweep hija ġiet 'induced' u ma kenitx miftuħa biżżejjed. Riżultanti ta' dan, it-tarbija sabet ruħha f'diffikulta' u fgat f'ġuf ommha;"*

Jirriżulta illi, abbażi ta' tali assersjoni, l-Perit Legali wasslet għall-konklużjoni segwenti:

> *"Għalhekk wieħed jista' jiddeduċi li l-mewt traġika tat-tarbija f'ġuf ommha ma kenitx riżultanza ta' mewt naturali iżda minħabba nuqqas ta' intervent f'waqtu u min minn kien effettivament responsabbli tal-kura tar-rikorrenti Dorianne*."

Evalwat il-provi kollha prodotti, partikolarment ix-xhieda teknika tal-Professur Yves Muscat Baron u Dr Michelle Montanaro Gauci, minn imkien ma jirriżulta illi seta' kien hemm xi nuqqas da parte tat-tobba jew li l-fatt li saret il-'Membrane Sweep' wassal sabiex tmut it-tarbija f'ġuf ommha, ossija r-rikorrenti.

Jirriżulta, di fatti, illi, meta Dr Michelle Montanaro Gauci xehdet dwar l-involviment tagħha fil-vista tat-23 ta' Frar 2011, hija kellha dan xi tgħid:

> "*Jien ħarist lejn l-istorja tagħha u l-kura li kienet irċeviet ċioe` l-andament ta` din it-tqala. Kollox kien jidher normali f'din it-tqala. Ma kellhiex pressjoni, baby kien kiber sew u kien jidher anke fuq l-ultra sounds li kienet għamlet qabel. (ara fol. 255 tal-proċess). Jien*

[4] Fol 19
[5] Fol 466

*staqsejtha jekk hijiex qed tħoss iċ-ċaqliq tal-baby. Din hija standard procedure. Hija ikkonfermat li kienet qiegħda tħoss il-movimenti tal-baby. Wara jien eżaminajtha. Kellha pressjoni normali; it-test tal-urina kien normali. Eżaminajtilha żaqqha u l-baby kien jidher li kien ta` daqs normali u ma kienx żgħir. Il-posizzjoni kien "head down" (cephalic position – rasu l-isfel) u r-ras kienet bdiet nieżla ġewwa l-għadam tal-pelvis, kif huwa mistenni ta` 39 weeks. Smajna l-qalb tat-tarbija bid-Doptone u nstemgħet sew u regolari. Wara pproċedejt bil-permess u l-kunsens tal-pazjenta għall-vaginal examination. Ir-ras tat-tarbija ma nħassitx għolja, ċioe` kienet f'posizzjoni li wieħed jistenna fit-tqala ta` 39 weeks. L-għonq tal-utru kien beda jipprepara għall-ħlas u jinfetaħ ftit. Kien miftuħ bejn 1-2 cm. Bil-kunsens tal-mara (ċioe` tal-pazjenta) għamilt "membrane sweep". Il-"membrane sweep" hija proċedura naturali li tgħin l-għonq tal-utru jipprepara għall-proċess tal-ħlas. Waqt din il-vista erġajt ikkonfermajt mal-pazjenta l-pjan kif kien diġa` stabbilit minn qabel sabiex tipprova teħles normali. Dan il-pjan kien diġa` ġie diskuss u deċiż mat-tobba ġioe` ma senior registrar tat-team ta` Prof. Yves Muscat Baron li ser tipprova teħles b'mod naturali. Għamilt pjan mal-pazjenta li hija terġa' tiġi għall-vista oħra wara ġimgħa meta kien ha jkollha eżatt 40 weeks."*

Jirriżulta, minn tali xhieda, illi dawna l-fatti jistgħu jiġu stabbiliti lil kienu ċerti dakinhar tal-eżami:

a. It-tarbija kienet f'posizzjoni tajba għat-twelid.
b. It-tarbija kellha 'heart beat' sew u regolari.
c. It-tarbija kienet ta' daqs normali.
d. It-tarbija kienet qed tiċċaqlaq regolarment, skond dak li qalet ir-rikorrenti.
e. L-għonq tal-utru kien qiegħed jipprepara għall-ħlas.

Jirriżulta, għalhekk, illi mill-eżami illi sar lir-rikorrenti da parte ta' Dr Montanaro Gauci, ma kien hemm assolutament xejn illi seta', b'xi mod, jallarma lit-tobba dwar is-Saħħa tat-tarbija kif ukoll tar-rikorrenti Dorianne Stanicic, fatt illi ġie kkonfermat ukoll mill-Professur Muscat Baron.

Jirriżulta illi l-abbli Perit Legali enfasizzat ukoll fuq il-fatt illi fuq il-file kien hemm "stilla ħamra", li kienet tfisser illi "*minn jeżamina jew jassisti l-pazjent ikun tenut li jagħtih attenzjoni speċjali.*"[6]

Jirriżulta illi, in kontro eżami, Dr Michelle Montanaro Gauci, ghalkemm ma ftakretx jekk kienx hemm "stilla ħamra" jew le, ftakret is-segwenti:[7]

*"Iva u li kellha ċesarja qabel huwa something that we pay attention to. U parti mid-diskussjoni hu biex niddeċiedu kif ser teħles persuna niddiskutu r-riskji kollha tal-fatt li hemm qasma fl-utru. Iva hi ħaġa li hi mportanti li wieħed jiġbed l-attenzjoni, <u>għalhekk eżaminajtha dakinhar biex nara li l-pelvis kien wiesgħa biżżejjed biex din id-darba intuha ċans għall-ħlas normali</u>. Ovvjament ħadd ma jkun jaf x'ser jiġri."*

[6] Fol 463
[7] Fol 522

Jirriżulta illi tali verżjoni tal-fatti ġew anke korroborata mill-Professur Yves Muscat Baron, meta xehed quddiem il-Qorti u kellu dan xi jgħid dakinhar:[8]

> *"Mistoqsi xi jfisser meta persuna fuq il-patient card tagħha jkollha stilla ngħid ifisser li min ikun ikollu bżonn l-attenzjoni kemm fl-isptar u anke jekk tmur għal kura privatament. Jiena interpellejt (intervenejt?) mar-rikorrenti meta l-assistenta tiegħi qaltli li r-rikorrenti l-aħjar ħaġa li tibda weħidha. Dan għaliex it-tqala preċedenti, li kienet fl-2008 kienet b'ċesarja peress li l-baby kienet imdawra. F'dawn il-każi nagħmlu ċesarja. Pero l-prassi standard meta r-ras tkun 'l isfel inħallu lill-ommijiet jeħilsu b'mod normali u kemm jista' jkun ukoll jibdew weħidhom. Dan għaliex jekk wieħed jisforza l-utru biex tibda l-proċess tat-twelid hemm ir-riskju li jinqata' l-utru minħabba l-qasma li kienet saret preċedentement meta saret iċ-ċesarja. Nixtieq ngħid illi ċ-ċesarja li saret fuq ir-rikorrenti kienet welldet ta' thirty nine weeks u tlett ijiem. Meta miet il-baby kien thirty nine plus erbat ijiem u kienet ilha erbgħa u għoxrin siegħa ma tħossx il-baby qabel wellditu b'referenza għat-tqala tal-2011. Jiena dħalt biss meta l-assistenta tiegħi talbitni għal parir. Id-deċiżjoni li r-rikorrenti jkollha ħlas normali kienet ilha li ttieħdet mill-ewwel vista meta kienet biss sitt gimgħat tqala u dan dejjem bil-kunsens tal-pazjenta.*
>
> *Kontro eżami*
>
> *Mistoqsi jekk jiena qbiltx mad-deċiżjoni ta' l-assistenta tiegħi illi r-rikorrenti Stanicic kellha teħles b'mod normali ngħid illi dan hu każ normali u kont naqbel magħha.*
>
> *Ri eżami*
>
> *L-assistenta kienet Dr Michelle Montanaro Gauci. Jiena Consultant Obstetrician Gynaecologist fl-Isptar San Luqa u ilni f'din il-kariga mill-2005."*

Jirriżulta illi l-abbli Perit Legali ikkonkludiet illi l-'Membrane Sweep' wasslet sabiex tkun '*induced*' biex twelled. Tali konklużjoni, madanakollu, ma ssibx riskontru tekniku fix-xhieda tat-tobba esperti li xehdu quddiem il-Qorti w quddiem l-Perit Legali, u di fatti, Dr Michelle Montanaro Gauci, mistoqsija dwar jekk kenitx indotta għall-ħlas, kellha dan xi tgħid:[9]

> *"Il-pazjenta ma kenitx bdiet fil-ħlas. Ma kien hemm ebda raġuni biex nibdewha fil-ħlas. Anzi, minħabba l-fatt li kella diġa` ċesarja u ċioe` qasma fil-ġuf kienet tkun ta` detriment għaliha u għat-tarbija kieku kellna nibdewha fil-ħlas bil-mediċini u nisfurzaw il-proċess naturali tal-ħlas (by induction). Kieku kellna ninduċu l-ħlas konna nżidu r-riskju li l-utru jċedi jew jixpakka minħabba li kien diġa` hemm qasma taċ-ċesarja tal-2009. U kieku kellna ninduċu l-ħlas konna nżidu r-riskju li ma jirnexxilhiex teħles normali u tispiċċa minflok b'emergency*

[8] Fol 351
[9] Fol 510

> *caesarean. Fil-fatt il-guidelines tar-Royal College of Obstetrics and Gynaecologists jgħidu li f'każijiet bħal dawn aħjar li wieħed jistenna anke sa 41 weeks jekk hemm bżonn biex tagħti ċans massimu biex il-proċess jibda b'mod naturali. Dan dejjem jekk ma jkunux inqalgħu xi kumplikazzjonijiet."*

Il-Qorti tosserva wkoll illi tul is-sitt snin tal-kawża odjerna, r-rikorrenti qatt ma pproduċew espert mediku sabiex jikkorroboraw it-teżi tagħhom dwar il-kawża tal-mewt traġika ta' bint ir-rikorrenti w it-tobba li kienu qed jikkurawha.

Jirriżulta, għalhekk, illi a differenza ta' dak allegat mir-rikorrenti u abbraċċjat mill-Perit Legali, il-fatt jekk r-rikorrenti kenitx miftuħa '2' jew le ma għandha ebda ness mal-fatt illi, sfortunatament, ftit jiem wara li marret l-Isptar Mater Dei, it-tarbija mietet f'ġuf ir-rikorrenti Dorianne Stanicic qabel il-ħlas.

Għalhekk, mill-assjem tal-provi, partikolarment ix-xhieda ta' esperti fil-qasam medika prodotti quddiem dina l-Qorti, ma hemmx provi tekniċi biżżejjed biex jattribwixxi xi tip ta' responsabbiltà' da' parte ta' l-intimati w it-tobba tagħhom fil-mewt traġika tat-tarbija tal-konjuġi Stanicic.

**Danni**

Jirriżulta illi l-Perit Legali, fil-konklużjoniijet taghha, għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha illi wassluha tillikwida danni dovuti.

Jirriżulta illi, filwaqt illi jkun opportun illi l-Qorti tirriproduci l-ħsibijiet u l-konklużjonijiet tal-abbli Perit Legali, referenza ser issir biss għad-danni likwidati għal dak li jirrigwarda r-responsabbiltà relatata mal-'garża' illi tħalliet ġewwa l-parti intima tar-rikorrenti Dorianne Stanicic.

***…omissis…***

> "…..
> *Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponenti tħoss li hu xieraq li r-rikorrenti Dorianne Stanicic tiġi kumpensata għaxart'elef euro (€10,000) bħala dannu arbito boni viri u elfejn euro (€2,000.00) bħala danni morali u psikoloġiċi lil konjuġi Stanicic."*

Il-Qorti, wara illi qieset il-konsiderazzjonijet kollha magħmula mill-Perit Legali, tqis illi ma ssib ebda raġuni għaliex ma għandhiex tagħmel tagħha il-konklużjonijiet minnha milħuqa, ossija illi tillikwida d-danni dovuti riżultat tal-garża li tħalliet fil-parti intima tar-rikorrenti Dorianne Stanicic fl-ammont ta' għaxart'elef euro (€10,000) bħala dannu *arbitrio boni viri.*

Il-Qorti, madanakollu, tqis illi d-danni morali u psikoloġiċi għandhom ikunu ta' ħamest elef euro (€5,000), in vista tal-fatti kollha tal-każ.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi rat ir-rapport Peritali.

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-każ billi;

Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati,

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti għal dak illi jirrigwarda l-akkadut fejn tħalliet garża ġewwa r-rikorrenti Dorianne Stanicic waqt intervent illi kien qed isirilha fit-28 ta' Frar 2011,

Tiddikjara lill-intimati *in solidum* bejniethom responsabbli għad-danni riżultat tal-fatt illi, waqt intervent li kien qiegħed isir fuq ir-rikorrenti Dorianne Stanicic fit-28 ta' Frar 2011, tħalliet garża ġewwa fiha riżultat ta' traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da' parte ta' impjegati ta' l-intimati, u għalhekk,

Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' għaxart'elef euro (€10,000) bħala dannu *arbitrio boni viri* u ħamest elef euro (€5,000.00) bħala danni morali u psikoloġiċi li flimkien jagħmlu total ta' **ħmistax-il elf Euro (€15,000);**

Tikkundanna lill-intimati Supretendent tal-Isptar Mater Dei u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern in solidum bejniethom iħallsu lir-rikorrenti is-somma ta' **ħmistax-il elf Euro (€15,000)** in linea ta' danni kif fuq spjegat.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati *in solidum* bejniethom.

Bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiiv."

## <u>Rikors tal-appell tal-atturi (09.07.2020):</u>

5. L-appell tal-atturi jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat li ma kienx hemm biżżejjed provi tekniċi sabiex tiġi attribwita xi tip ta' responsabbiltà da parti tal-konvenuti u t-tobba tagħhom fil-mewt traġika tat-tarbija tagħhom.

6. L-aggravji tal-atturi fir-rigward, in suċċint, huma s-segwenti:

(1) Nuqqas ta’ ħatra ta’ esperti:

Fl-ewwel lok jgħidu li l-Ewwel Qorti qalet li ma ġiex maħtur espert biex jgħid fuq il-kwistjonijiet involuti. Jilmentaw bil-fatt li l-Ewwel Qorti irreferiet għax-xhieda ta’ Dr Michelle Montanaro Gauci u l-Prof. Yves Muscat Baron bħala x-xhieda ta’ “esperti”.

(2) Kien hemm fatti li kien jafhom kulħadd:

Fit-tieni lok jirreferu għall-awtopsja u għall-*file* bl-istilla ħamra u għall-*past history* tal-attriċi u jenfasizzaw li kien hemm fatti li jafhom kulħadd. Jgħidu li kulħadd jaf, u kull omm taf, li meta jaqbżilha ż-żmien aktar minn dak previst u ma tkunx taħt attenzjoni medika, il-probabbiltà jew possibbiltà hi li t-tarbija tifga fil-ġuf. Jgħidu li daqstant hija sempliċi t-traġedja li tiġri meta xi ħadd li suppost jaf is-sengħa u l-arti ta’ kif twelled tarbija tagħmel żbalji, anke ta’ kalkoli bl-iktar mod elementari. Jgħidu li “*Għalhekk in-nuqqas li ġie maħtur espert mhijiex effettivament korretta*” u jikkummentaw li l-Ewwel Qorti kif kienet preseduta qabel, kienet għażlet hi lil Dr Anna Portelli għax barra li hija mgħallma fix-xjenza medika, hija mara u omm u allura taf bil-prattika x’inhi t-tqala u l-problemi tagħha.

(3) Mhux każ ta’ apprezzament ta’ provi li semgħat il-Qorti:

Fit-tielet lok jargumentaw li ma jistax jingħad li l-Ewwel Qorti kellha l-benefiċċju li semgħet u rat b'għajnejha x-xhieda li straħet fuqhom u skartat kull prova oħra għaliex qisithom bħala tobba "esperti". Jilmentaw li l-Ewwel Qorti skartat il-verżjoni tal-perit legali fis-sens li kien hemm *induced labour* u għażlet *invece* l-verżjoni ta' Dr Montanaro Gauci fejn eskludiet li kien hemm tali *induced labour* bil-fatt li saret *membrane sweep*. Jgħidu li anke minn tfittxija fuq il-*website* tal-NHS Ingliża jingħad li din il-proċedura ta' *membrane sweep* "*may kick-start your labour".*

(4) <u>Eżami fiżiku żbaljat u xhieda inattendibbli ta' Dr Montanaro Gauci:</u>

Fir-raba' lok jgħidu li Dr Montanaro Gauci kienet żbaljata meta għamlet assessment li l-attriċi kienet miftuħa *two fingers* għaliex meta ġiet eżaminata wara, u kien hemm l-istorja fatali, kien ċar li lanqas ma kienet miftuħa *one finger*. Jirreferu għar-rapport tal-perit legali fejn ingħad li l-attriċi kellha tinżamm l-isptar għaliex bil-*membrane sweep* li saritilha ġiet *induced* meta ma kinitx miftuħa biżżejjed, fejn b'riżultat ta' dan sabet ruħha f'diffikultà u fgat f'ġuf ommha.

(5) <u>*Legitimate expectation:*</u>

Finalment jgħidu li kellhom *legitimate expectation* li t-tarbija kienet

ser titwieled qawwija u sħiħa. Jgħidu wkoll li għal dak li jirrigwarda telf ta' qligħ futur il-Qorti trid sa ċertu punt tispekola fejn jekk hemm persuna b'saħħitha wieħed jistenna li tibqa' b'saħħitha u taħdem sa 65 sena. Jgħidu li dan il-prinċipju japplika wkoll f'dan il-każ. Iżidu jgħidu li peress li tul dan iż-żmien l-Art. 1405 ġie emendat diversi drabi, "*għandhom dritt vestit meta kien hemm l-ogħla kumpens għal danni morali li ħaqqhom din il-koppja*".

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenuti (10.07.2020):</u>**

7. L-appell tal-konvenuti jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti rriżultalha li l-konvenuti kienu responsabbli għall-garża li tħalliet fil-ġisem tal-attriċi u fejn konsegwenzjalment ordnat li kellhom iħallsu lill-atturi s-somma ta' €15,000 in linea ta' danni.

8. L-aggravji tal-konvenuti fir-rigward, in suċċint, huma s-segwenti:

(i) <u>L-ewwel aggravju</u> – nuqqas ta' provi li jinflittaw ir-responabbilta` fuqhom:

Fl-ewwel lok jgħidu li minkejja li huma ammettew li erronjament tħalliet garża fil-ġisem tal-attriċi, dan ma jimmeritax konferma assoluta li kien hemm negliġenza, u dan tenut kont tal-fatt li saħħet

l-appellanti ma kinitx f'periku u dan meta ngħatat assistenza f'waqtha.

(ii) It-tieni aggravju – l-ebda lok għad-danni:

Fit-tieni lok jenfasizzaw li l-atturi naqsu li jippreżentaw prospett ċar u dettaljat tal-allegati danni sofferti fir-rigward.

**Risposta tal-konvenuti għall-appell tal-atturi (17.07.2020):**

9. Il-konvenuti wieġbu biex jagħtu r-raġunijiet tagħhom għaliex l-appell tal-atturi huwa infondat u għaliex is-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata in kwantu sabet li ma ġiex ippruvat li kienu responsabbli għall-mewt tat-tarbija.

**Nota tal-atturi (03.08.2020):**

10. Wara li l-attriċi ġiet notifikata bir-rikors tal-appell tal-konvenuti fit-28 ta' Lulju 2020, l-atturi ppreżentaw nota fit-3 ta' Awwissu 2020 fejn iddikjaraw li in kwantu fl-appell tagħhom talbu li tiġi kkonfermata dik il-parti tas-sentenza li hija favorevoli għalihom (li hija l-mertu tal-appell tal-konvenuti) is-sottomissjonijiet relattivi u r-raġunijiet għaliex għandha tibqa' kkonfermata jingħataw waqt is-smigħ tal-appell *stante* li r-raġunijiet

miġjuba mill-konvenuti mhumiex fondati fil-fatt u fid-dritt. Qalu wkoll li dwar l-interessi, l-ġurisprudenza mhix dejjem konformi fuq is-suġġett.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

**<u>(A)</u>** **<u>L-APPELL TAL-ATTURI</u>** :

(dwar ir-responsabbiltà għall-mewt tat-tarbija u danni relattivi)

11. Din il-Qorti sejra tiġbor u tikkunsidra l-ilmenti tal-atturi appellanti taħt is-segwenti intestaturi.

(a) <u>In-nuqqas ta' nomina ta' espert mediku:</u>

12. L-atturi jsostnu li mhux korrett li jingħad li ma ġiex maħtur espert mediku sabiex jirrelata fuq il-kwistjonijiet involuti. Isostnu li l-perit legali ġiet innominata proprju għaliex hija wkoll mgħallma fix-xjenza medika, barra li hija mara u omm.

13. Jiġi ppreċiżat fl-ewwel lok li l-Ewwel Qorti ma irrimarkatx li ma ġiex maħtur espert mediku, iżda irrimarkat li tul is-sitt snin tal-kawża, <u>l-atturi</u> "<u>*qatt ma pproduċew espert mediku*</u> *sabiex jikkorroboraw it-teżi tagħhom dwar il-kawża tal-mewt traġika ta' bint ir-rikorrenti w t-tobba li kienu qegħdin jikkurawha."*

14. Kwantu għall-ħatra ta' Dr Anna Portelli, din ġiet nominata mill-Ewwel Qorti[10] fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2015 bħala perit legali u mhux bħala perit legali u perit mediku, kif donnhom jargumentaw l-atturi:

> *"Fuq talba tal-abbli rappreżentanti legali tal-partijiet tappunta lil Dr Anne Portelli bħala perit legali biex tkompli tisma' l-provi u tirrelata fir-rigward".*

15. L-imsemmija perit legali Dr Anna Portelli ppreżentat ir-rapport tagħha fit-2 ta' Novembru 2019[11] fejn ikkonkludiet li l-konvenuti *in solidum* huma responsabbli għaż-żewġ inċidenti (kemm il-mewt tat-tarbija u kif ukoll t-tħollija tal-garża fil-ġisem tal-attriċi). Fis-17 ta' Ottubru 2019 hija ppreżentat ir-risposti tagħha[12] għad-domandi li sarulha in eskussjoni.

16. Sussegwentement, fil-21 ta' Ottubru 2019 il-konvenuti ppreżentaw rikors[13] fejn talbu li jiġi maħtur espert mediku. Huma talbu hekk:

> *"…fis-sustanza r-rapport tal-espert legali ta analiżi medika aktar milli dik legali, meta definittivament ma kienx fil-kompitu tal-espert legali li tanalizza u teżamina jekk l-esponenti kenux negliġenti, imprudenti jew xort' oħra fil-qadi ta' dmirijiethom.*
>
> *Illi għaldaqstant f'dan l-istadju hu kruċjali li jiġi maħtur espert mediku li hu mħarreġ u speċjalizzat fil-materja medika tat-tqala stante li huwa pertinenti li l-espert maħtur ikun intiż fuq dan il-qasam speċifiku. Illi l-iskopijiet ta' ħatra ta' espert mediku għandha tirrelata l-lanjanzi avvanzati mir-rikorrenti u l-fakolta` li ssir eżaminazzjoni tal-atti ta' din il-kawża."*

---

[10] Ippreseduta mill-Imħallef Silvio Meli
[11] fol 416 et seq
[12] fol 554 et seq
[13] fol 571

17. L-atturi opponew għat-talba li jinħatar espert mediku, u l-Ewwel Qorti ċaħdet tali talba fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2019:

> *"Il-Qorti ma tistax ma tesprimix is-sorpriża tagħha kif ħames snin wara li bdiet il-kawża u wara li l-espert legali irrelata, f' daqqa waħda l-intimati intebħu li għandhom bżonn espert mediku.*
>
> *Il-Qorti tosserva li din il-kawża ilha pendenti għal aktar minn ħames snin u nġabru l-provi kollha fiha u għalhekk se tinsisti li l-kawża titkompla fuq il-provi li hemm u bir-relazzjoni li hemm sabiex forsi xi darba tingħata sentenza.*
>
> *Il-Qorti għalhekk tiċħad it-talba magħmula fir-rikors tal-21.10.2019."*

18. Dan kollu jikkonferma kemm Dr Anna Portelli kienet ġiet nominata bħala espert legali u mhux ukoll bħala espert mediku u għalhekk l-aggravju tagħhom fir-rigward huwa bla bażi.

(b) Ix-xhieda "esperti":

19. L-atturi jilmentaw ukoll bil-fatt li l-Ewwel Qorti rreferiet għal Dr Michelle Montanaro Gauci u Prof. Yves Muscat Baron bħala xhieda "esperti". Huwa minnu li dawn ma kenux xhieda esperti fis-sens ta' "esperti" maħtura mill-Qorti, ladarba kif fuq spjegat, qatt ma ġie maħtur espert mediku f'dawn il-proċeduri. Evidentement l-Ewwel Qorti rreferiet għalihom bħala xhieda "esperti" in kwantu huma speċjalizzati fil-qasam tal-ostetrika u l-ginekoloġija u għalhekk ix-xhieda tagħhom kienet waħda teknika.

<u>(c) Il-kwistjoni dwar jekk il-*membrane sweep* tammontax għal *induction of labour:*</u>

20. Il-perit legali Dr Anna Portelli kkonkludiet li filwaqt li kien minnu li l-attriċi kellha twelled b'mod naturali:

> *"…hija kellha tinżamm l-isptar għaliex bil-membrane sweep hija ġiet induced u ma kinitx miftuħa biżżejjed. Riżultanti ta' dan it-tarbija sabet ruħha f' diffikultàu fgat f'ġuf ommha".*

21. L-Ewwel Qorti *invece*, wara li evalwat il-provi kollha, partikolarment ix-xhieda tal-Professur Yves Muscat Baron u ta' Dr Michelle Montanaro Gauci, qieset li minn imkien ma jirriżulta li seta' kien hemm xi nuqqas da parti tat-tobba, jew li l-fatt li saret il-"*membrane sweep*" wassal biex tmut it-tarbija f'ġuf l-attriċi. Hija fil-fatt skartat il-konklużjoni tal-perit legali li l-*membrane sweep* wassal biex l-attriċi tkun "*induced"* biex twelled u rreferiet għax-xhieda ta' Dr Michelle Montanaro Gauci fejn qalet li l-*membrane sweep* fil-fatt hija <u>proċedura naturali</u> li tgħin l-għonq tal-utru jipprepara għall-proċess tal-ħlas. Fil-fatt Dr Montanaro Gauci spjegat li minħabba li l-attriċi kienet preċedentement welldet permezz ta' ċesarja u allura kellha qasma fl-utru, <u>kien importanti li l-ħlas jibda b'mod naturali</u>:

> *"kien ikun ta' detriment għaliha u għat-tarbija kieku kellna nibdewha fil-ħlas bil-mediċini u nisfurzaw il-proċess naturali tal-ħlas (by induction). Kieku kellna ninduċu l-ħlas konna nżidu r-riskju li l-utru jċedi jew jixpakka…"*

22. Il-Prof Yves Muscat Baron fix-xhieda tiegħu qal li l-prassi *standard* meta r-ras tkun 'l isfel (kif kienet it-tarbija fil-każ tal-attriċi) hija li l-ommijiet jitħallew jeħlisu b'mod normali. Bħal Dr Montanaro Gauci spjega li fejn *si tratta* ta' mara li f'twelid preċedenti tkun welldet permezz ta' ċesarja (kif kien il-każ tal-attriċi), meta din imbagħad tiġi biex twelled b'mod naturali <u>hija kemm jista' jkun titħalla tibda l-ħlas waħedha, ċjoè b'mod naturali:</u>

> *"Dan għaliex jekk wieħed jisforza l-utru biex tibda' l-proċess tat-twelid hemm ir-riskju li jinqata' l-utru minħabba l-qasma li kienet saret preċedentement meta saret iċ-ċesarja."*

23. L-atturi ħassewhom aggravati bil-fatt li l-Ewwel Qorti skartat il-konklużjoni tal-perit legali li bil-*membrane sweep* fil-fatt kien hemm *induced labour*, fejn allura l-attriċi kellha tinżamm l-isptar, u *invece* qagħdet fuq il-verżjoni ta' Dr Montanaro Gauci li l-*membrane sweep* ma jammontax għal *induced labour*, u li huwa biss proċedura naturali li jgħin l-għonq tal-utru jipprepara għall-proċess tal-ħlas. Huma fil-fatt jirreferu għas-sit elettroniku tal-NHS Ingliża sabiex isostnu t-teżi tagħhom fir-rigward.

24. Din il-Qorti għalhekk qiegħda tirriproduċi s-segwenti bran li jinsab taħt l-intestatura "*Inducing labour*" u li jinsab fis-sit elettroniku tal-NHS li jirreferu għalih l-atturi: https://www.nhs.uk/pregnancy/labour-and-birth/signs-of-labour/inducing-labour/.

> "**Inducing labour**
> An *induced* labour is one that's started artificially.

It's common for labour to be *induced* if your baby is overdue or there's any risk to you or your baby's health.

This risk could be if you have a health condition such as high blood pressure, for example, or your baby is not growing.

Induction will usually be planned in advance. You'll be able to discuss the advantages and disadvantages with your doctor and *midwife*, and find out why they think your labour should be *induced*.

It's your choice whether to have your labour *induced* or not.

If your pregnancy lasts longer than 42 weeks and you decide not to have your labour *induced*, you should be offered increased monitoring to check your baby's wellbeing.

**Why you might be *induced***

- if you're overdue
- if your waters have broken
- if you or your baby have a health problem

**If you're overdue**

Induction will be offered if you do not go into labour naturally by 41 weeks, as there will be a higher risk of stillbirth or problems for the baby.

**If your waters break early**

If your waters break more than 24 hours before labour starts, there's an increased risk of infection to you and your baby.

If your waters break after 34 weeks, you'll have the choice of induction or expectant management.

Expectant management is when your healthcare professionals monitor your condition and your baby's wellbeing, and your pregnancy can progress naturally as long as it's safe for both of you.

Your *midwife* or doctor should discuss your options with you before you make a decision.

They should also let you know about the newborn (neonatal) special care hospital facilities in your area.

If your baby is born earlier than 37 weeks, they may be vulnerable to problems related to being premature.

If your waters break before 34 weeks, you'll only be offered induction if there are other factors that suggest it's the best thing for you and your baby.

**If you have a health condition or your baby is not thriving**

You may be offered an induction if you have a condition that means it'll be safer to have your baby sooner, such as diabetes, high blood pressure or intrahepatic cholestasis of pregnancy.

If this is the case, your doctor and *midwife* will explain your options to you so you can decide whether or not to have your labour *induced*.

**Membrane sweep**

**Before inducing labour, you'll be offered a membrane sweep, also known as a cervical sweep, to bring on labour.**

**A membrane sweep would usually be offered to you after 39 weeks.**

**To carry out a membrane sweep, your *midwife* or doctor sweeps their finger around your cervix during an internal examination.**

**This action should separate the membranes of the amniotic sac surrounding your baby from your cervix. This separation releases hormones (prostaglandins), which may start your labour.**

**Some women find the procedure uncomfortable or painful. You may get some cramping and vaginal bleeding afterwards.**

**If labour does not start after a membrane sweep you may be offered an additional sweep or induction of labour.**

**Induction is always carried out in a hospital maternity unit. You'll be looked after by midwives and doctors will be available if you need their help.**

**How labour is *induced***

If you're being *induced*, you'll go into the hospital maternity unit.

There are 2 main ways labour can be *induced*:

- Hormones can be put inside your vagina using a vaginal tablet (pessary) or a gel, or given as tablets that you swallow.

- Devices such as balloon catheter (a small balloon, full of water) or an osmotic dilator (a type of sponge) can be used to widen your cervix.

You'll usually be offered hormones first to see if they work, unless there's a medical reason you cannot take hormones.

It usually takes many hours for these treatments to start working. You will usually stay in the hospital maternity unit, though you may be able to go home in some cases.

Sometimes a hormone drip is needed to speed up the labour. You may also need to have your waters broken artificially.

**What *induced* labour feels like**

If you need to be *induced* it may affect where you can give birth. You may need to stay in hospital for longer and have more examinations.

*Induced* labour is usually more painful than labour that starts on its own.

Your pain relief options during labour are not restricted by being *induced*.

You should have access to all the pain relief options usually available, such as an epidural or water birth.

If you are *induced* you'll be more likely to have an assisted delivery, where forceps or ventouse suction are used to help the baby out.

**If induction of labour does not work**

Induction is not always successful, and labour may not start.

Your obstetrician and *midwife* will assess your condition and your baby's wellbeing. You may be offered another method of induction or a caesarean section, or you may be able to wait a few hours and then be assessed again.

Your *midwife* and doctor will discuss all your options with you.

**Natural ways to start labour**

There are no proven ways of starting your labour yourself at home.

You may have heard that certain things can trigger labour, such hot baths, certain food or drinks, having sex or herbal supplements. But there's no evidence that these work. Also there's no information about the safety of herbal supplements and they could be harmful to you or your baby.

Having sex will not cause harm, but you should avoid having sex if your waters have broken as there's an increased risk of infection.

For more information on induction, you can read the NICE information for the public on induction of labour."

25. Inċidentalment il-partijiet rilevanti li jinsabu fuq tali sit elettroniku adirittura jkomplu jikkonfermaw kemm il-*membrane sweep* effettivament ma tammontax għal *induced labour* (anke jekk l-ispjegazzjoni dwarha tinsab taħt l-intestatura *induced labour*) iżda sempliċiment tgħin biex il-ħlas jibda' b'mod naturali. Tant hu hekk li hemm spjegat ċar daqs il-kristall li *"Before inducing labour, you'll be offered a membrane sweep, also known as a cervical sweep, to bring on labour…... If labour does not start after a membrane sweep you may be offered an additional sweep or induction of labour."* fatt li jikkonferma kemm il-*membrane sweep* u l-*induction of labour* huma żewġ affarijiet distinti. Fil-fatt dan is-sit jagħmilha ċara li "*An induced labour is one that is started artifiċially*" fejn iktar 'l isfel fil-paġna jispjega fid-dettal it-tipi ta' proċeduri artifiċjali li jistgħu jintużaw sabiex il-ħlas jiġi "*induced*". In oltre, din il-Qorti tinnota li dan l-istess sit jispjega li l-*membrane sweep* ġeneralment ikun offrut meta l-mara tkun fid-disgħa u tletin (39) ġimgħa tat-tqala, proprju kif sar fil-każ in kwistjoni, fejn Dr Montanaro Gauci spjegat li l-attriċi kellha tqala ta' "*39 weeks*" meta għamlitilha l-*membrane sweep*, u għamlet pjan magħha li hija terġa' tmur għal vista oħra wara ġimgħa meta tkun ta' "*40 weeks".*

<u>(d) Il-kejl tal-fetħa tal-għonq tal-utru:</u>

26. L-atturi jsostnu wkoll li l-eżami fiżiku li għamlet it-tabiba Dr Michelle Montanaro Gauci dakinhar li għamlet il-*membrane sweep*, (fit-23 ta' Frar

2011) kien wieħed żbaljat, għaliex għalkemm it-tabiba xehdet li dakinhar l-għonq tal-utru tal-attriċi kien miftuħ bejn 1-2 ċentimetru, erbat ijiem wara (fis-27 ta' Frar 2011) meta l-attriċi ma bdietx tħoss it-tarbija u hi u żewġha marru l-isptar, fejn ingħataw l-aħbar li mietet it-tarbija, it-tabib li għamel l-*ultrasound* ikkummenta li tant ma kinitx miftuħa li qas seta' jifqagħlha l-ilma. Huma jaċċennaw għax-xhieda ta' Dr Montanaro Gauci fejn mistoqsija kif tispjega dan il-fatt ħarġet bit-"*teorija bizzarra*" li s-swaba tan-nies mhux kollha indaqs. Ix-xhud fil-fatt spjegat li hemm element ta' soġġettivitàu l-*findings* ta' tabib mhux bilfors jaqblu mal-*findings* ta' tabib ieħor: ma hemmx kejl eżatt.

27. Din il-Qorti ma tarax li tali spjegazzjoni hija inverosimili speċjalment tenut kont tal-fatt li hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq kejl ċkejken (1-2cm), li jiġi kkonstatat b'mod approssimattiv abbażi ta' dak li jkun qiegħed jħoss b'subajh it-tabib (jew *midwife*) li jkun qiegħed jagħmel l-eżami.

28. Fi kwalunkwe każ, kif irriteniet l-Ewwel Qorti, jekk dakinhar li sarilha l-*membrane sweep* l-attriċi kinitx miftuħa 1-2 ċentimetru jew le ma jirriżultax li għandu ness mal-fatt li jiem wara t-tarbija mietet f'ġuf l-attriċi. Mill-provi jirriżulta li sa dakinhar li sar il-*membrane sweep* (meta l-attriċi kellha 39 ġimgħa tqala) <u>kollox kien jidher normali u ma jidher li kien hemm l-ebda raġuni biex l-attriċi tinżamm l-isptar</u>. F'dak l-istadju kien biss każ ta' stennija: stennija li l-attriċi tibda' l-ħlas b'mod naturali, u dan seta' ħa

anke ġimgħatejn oħra. Dr Montanaro Gauci stess fix-xhieda tagħha aċċennat għall-*Guidelines* tar-*Royal College of Obstetrics and Gynaecologists* fejn huwa rakkomandat li f'każijiet fejn il-mara tkun preċedentement welldet permezz ta' ċesarja għandu jingħata ċ-ċans massimu (sa 41 ġimgħa) sabiex il-proċess jibda b'mod naturali, dejjem jekk fil-frattemp ma jkunux inqalgħu komplikazzjonijiet.

<u>(e) Il-*file* bl-istilla ħamra:</u>

29. B'referenza għall-fatt li l-*file* tal-attriċi kellu stilla ħamra (li jfisser li kienet pazjenta li kellha tingħata attenzjoni speċjali) Dr Montanaro Gauci kienet spjegat li l-fatt li l-attriċi preċedentement kellha ċesarja kienet *"something that we pay attention to"* fejn ikunu ġew ikkunsidrati r-riskji kollha relatati mal-fatt li jkun hemm qasma fl-utru. Fil-fatt, kif spjegaw Dr Montanaro Gauci u Prof. Muscat Baron, huwa proprju għalhekk li mara li tkun ser twelled b'mod naturali wara ċesarja preċedenti titħalla tibda l-ħlas b'mod naturali sal-massimu ta' 41 ġimgħa, kif jidher li kien qed isir f'dan il-każ. Ma jirriżultax li l-mewt tat-tarbija kien b'xi mod marbut mal-fatt li kienet saret qasma fl-utru tal-attriċi meta fi ħlas preċedenti kienet welldet bil-proċedura taċ-ċesarja.

<u>(f) Danni:</u>

30. Meqjus is-suespost, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li mill-provi

kollha prodotti ma tirriżulta l-ebda responsabbiltà da parti tal-konvenuti (u t-tobba tagħhom) fil-mewt traġika tat-tarbija tal-atturi. Kif sostnew il-konvenuti fir-risposta tagħhom għall-appell tal-atturi, il-kawża tal-mewt tat-tarbija tal-atturi kienet riżultat ta' nuqqas ta' ossiġnu, li fiċ-ċirkostanzi ma kinitx prevedibbli u għalhekk ma jistgħux il-konvenuti jitqiesu li naqsu milli jieħdu l-passi kollha li kienu mistennija jieħdu.

31. Ladarba jirriżulta li ġiet eżerċitata d-debita kura da parti tal-konvenuti skont il-prassi *standard,* u ladarba ma nstabx li b'xi mod kienu responsabbli għall-mewt tat-tarbija, isegwi li ma hemm l-ebda danni x' jiġu likwidati. Għaldaqstant mhux il-każ li din il-Qorti tikkunsidra l-argumenti tal-atturi dwar il-"kumpens" pretiż minnhom.

32. **Fid-dawl ta' dan kollu l-appell tal-atturi jirriżulta infondat.**

## <u>(B) L-APPELL TAL-KONVENUTI:</u>

(dwar ir-responsabbiltà għat-tħollija tal-garża, u danni relattivi)

(a) <u>Responsabbiltà fir-rigward tal-episodju tal-garża:</u>

33. Jirriżulta li waqt li l-attriċi kienet qiegħda twelled it-tarbija (mejta) tagħha, saritilha episiotomija. Din hija l-qasma li ssir fil-parti intima tal-

mara waqt il-ħlas, u dan sabiex titkabbar il-fetħa li minnha toħroġ it-tarbija. Susswegwentement għall-ħlas l-attriċi bdiet tinnota ċertu riħa tinten ħierġa mill-parti tagħha. Kien anke xehed it-tabib Darryl Xuereb fir-rigward fejn qal li issuspetta li kellha xi infezzjoni u anke ippreskrivilha xi antibiotiċi. Darba minnhom, xahrejn wara l-ħlas, meta l-atturi inzertaw kienu Għawdex, l-attriċi ħasset xi ħaġa fil-parti intima tagħha (għall-ewwel ħasbet li kien xi punt li kien għadu ma nqatax) u meta ġibditha indunat li kienet garża maħmuġa sew bid-demm u materjal ieħor.

34. In segwitu għal ilment li kienu għamlu l-atturi, kien sar "*peer review*" da parti ta' Dr Brigitte Gafà (il-konsulent legali), Mr Albert Scerri (il-konsulent fil-ginekoloġija u l-ostetrija) u Dr Antonella Grima, fejn kien ġie konkluż li "*indeed a swab had been inadvertently left in Mr Stanicic('s) vagina during the episiotomy*".

35. L-Ewwel Qorti irriteniet li mhix xi skużanti li dan l-episodju jitqies bħala "*minor mishap*" għaliex il-pazjent qatt m'għandu jistenna li jitħalla ġewwa fih oġġett aljen għal ġismu bi żball minn tabib illi f'idejh huwa jkun qiegħed jafda ħajtu.

36. Fl-ewwel aggravju tagħhom, il-konvenuti, filwaqt li jirrikonoxxu li l-garża kienet tħalliet erronjament fil-ġisem tal-attriċi, jargumentaw li "*dan ma jimmeritax konferma assoluta li kien hemm negliġenza tenut kont tal-*

*fatt li saħħet l-attriċi ma kinitx f' periklu u dan meta ingħatat assistenza f' waqtha".* Isostnu li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti fejn ikkonkludiet li huma ma kenux għaqlin fir-responsabbiltajiet tagħhom kienet waħda totalment żbaljata billi ma kien hemm l-ebda prova li saħħet l-attriċi tpoġġiet f'detriment.

37. Dan l-argument huwa mhux biss illoġiku iżda assurd għall-aħħar. Il-fatt li, fortunatament, il-garża ħarġet waħedha u dan mingħajr konsegwenzi serji għall-attriċi ma jnaqqasx mill-fatt li waqt li kienu qiegħdin isiru l-punti fil-parti intima tal-attriċi in segwitu għall-episiotomija kien hemm negliġenza u traskuraġni lampanti. Għalhekk dan l-ewwel aggravju tagħhom huwa kompletament bla bażi.

(b) <u>Danni relattivi għall-episodju tal-garża:</u>

38. Il-perit legali kienet tal-fehma li[14] għal dak li jirrigwarda l-episodju tal-garża li tħalliet fil-ġisem tal-attriċi huwa xieraq li:

(i) l-istess attriċi tiġi kkumpensata <u>€10,000</u> bħala dannu *arbitrio boni viri* (fejn aktar 'l isfel[15] taħt l-intestatura "konklużjonijiet" fir-rapport tagħha, hija tispjega li dawn l-€10,000 huma in linea ta' <u>danni</u>

[14] Fol 487-493 (tali paġni mir-rapport tal-perit legali, rigwardanti d-danni riżultat tal-garża li tħalliet fil-ġisem tal-attriċi, ġew fil-fatt inkorporati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata)
[15] Fol 496

<u>personali</u> sofferti fuq il-persuna tal-attriċi); u

(ii) l-atturi flimkien jiġu kkumpensati <u>€2,000</u> bħala <u>danni morali u psikoloġiċi.</u>

39. L-Ewwel Qorti irriproduċiet il-kunsiderazzjonijiet kollha magħmula mill-perit legali u spjegat li kienet qiegħda taqbel magħha in kwantu hija illikwidat id-dannu *arbitrio boni viri* fil-konfront tal-attriċi (rappreżentanti l-imsemmija danni personali fuq il-persuna tagħha) fl-ammont ta' €<u>10,000</u>; iżda fil-każ tad-danni morali u psikoloġiċi fil-konfront taż-żewġ atturi dehrilha li dawn għandhom jiġu likwidati fl-ammont ta' <u>€5,000</u>, u mhux ta' €2,000. Għalhekk is-somma komplessiva ta' danni li ordnat lill-konvenuti jħallsu fir-rigward tal-episodju tal-garża li tħalliet fil-ġisem tal-attriċi kienet dik ta' <u>€15,000.</u>

40. Il-konvenuti f'dan it-tieni aggravju tagħhom jaċċennaw għall-osservazzjoni li għamlet il-perit legali (u li ġiet ċitata mill-Ewwel Qorti) li l-atturi ma pproponew l-ebda ammont ta' danni u lanqas stabbilew ir-rata ta' diżabilità riskontrata fir-rikorrenti Dorianne Stanicic, u li lanqas ma nġieb rendikont tal-ispejjeż li l-atturi għamlu fil-perkors tal-kura li ngħatat lill-attriċi (b'rabta mal-garża in kwistjoni). Jenfasizzaw illi kien jispetta lill-atturi li jipprovdu dokumenti li jippruvaw in-nefqa jew it-telf konsegwenza tal-garża li tħalliet fil-ġisem tal-attriċi.

(i) <u>L-ammont ta' €10,000 likwidat bħala danni personali *arbitrio boni viri:*</u>

41. In kwantu l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti jirrappreżenta danni patrimonjali, ċjoè danni rappreżentanti nefqa u / jew telf - u din il-Qorti qiegħda tifhem li huwa l-ammont ta' €10,000 likwidat *arbitrio boni viri* (li l-perit legali tirrefri għalih bħala danni personali) li jirrappreżenta tali danni patrimonjali - għandhom raġun il-konvenuti jilmentaw bil-fatt li dawn id-danni ma ġewx sostnuti mill-provi. Huwa ben risaput li fejn danni patrimonjali jistgħu jiġu pruvati b'provi konkreti fir-rigward, il-Qorti m'għandhiex tillikwida tali danni *arbtirio boni viri*. (U fil-każ in kwistjoni din il-Qorti assolutament ma tarax li kien hemm raġuni għaliex kwalsiasi nefqa jew telf li setgħu ġarrbu l-atturi konsegwenza tal-garża li tħalliet fil-ġisem tal-attriċi ma setgħetx tiġi pruvata b'mezzi normali).

42. Issir referenza f'dan ir-rigward għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Awwissu 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Mark Schembri et v. Vella Group Ltd*** fejn ġie insenjat hekk (enfasi ta' din il-Qorti):

> *"Fit-tieni aggravju tal-appell inċidentali, l-atturi jilmentaw li minkejja li l-periti addizzjonali jikkonfermaw f'paragrafu 11.14 tar-relazzjoni tagħhom li l-ħajt li nbena ġie jqum ferm aktar minn dak il-ħajt li kellu jitla' oriġinarjament iżda l-periti addizzjonali ma setgħux jikkwantifikaw l-avarija fl-ispejjeż, peress li ma kellhomx dettalji strutturali dwar kif dan il-ħajt kien ser jinbena oriġinarjament. Jisħqu li tkun inġustizzja li l-atturi jkunu kostretti jħallsu għal dan il-ħajt u għalhekk isostnu li għandu jiġi determinat ammont arbitrio boni viri minn din il-Qorti.*

*Jibda billi jingħad fir-rigward ta' dan l-aggravju li, il-likwidazzjoni tad-danni 'arbitrio boni viri' ssir meta jkun difficli għall-attur li jipprova bil-mezzi ordinarji d-danni li huwa effettivament ikun sofra. F'dan il-każ l-atturi ressqu kawża ta' danni fejn kien mistenni minnhom li apparti li jressqu provi dwar ir-responsabbiltà tal-kuntrattur għall-akkadut, kellhom iressqu wkoll prova tal-quantum tad-danni mġarrba minnhom, b'rabta mal-aġir tal-kuntrattur, sabiex dan ikun jista' jiġi faċilment likwidat mill-Qorti.* ***Il-fatt li d-danni jistgħu jiġu likwidati mill-Qorti ex aequo et bono ma jfissirx li l-attur ikun eżonorat milli jressaq il-provi tiegħu bil-mezzi normali. F'dan il-każ, il-prova setgħet faċilment titressaq*** *permezz tal-perit inkarigat minnhom fuq il-proġett, li mhux biss iressaq id-disinji bi prova tal-ħajt kif oriġinarjament iddisinjat minnu u d-disinn tal-ħajt aktar massiċċ li kien meħtieġ konsegwenza tal-akkadut, iżda wkoll li jipprovdi stima li tindika d-differenza fl-ispiża, sabiex din tkun tista' tiġi evalwata mill-periti tekniċi tal-Qorti. Jekk kemm-il darba l-periti tekniċi ma ħassewhomx komdi jillikwidaw ammont f'dan ir-rigward, ikun pjuttost prużuntuż da parti ta' din il-Qorti li tittanta tagħti figura hija stess f'dan ir-rigward. Għalhekk dan l-aggravju mhux ser jiġi milqugħ."*

(ii) <u>L-ammont ta' €5,000 likwidat bħala danni morali *arbitrio boni viri:*</u>

43. Dan l-aggravju tal-konvenuti però ma japplikax ukoll fir-rigward tal-ammont likwidat *arbitrio boni viri* mill-Ewwel Qorti in linea ta' danni morali u psikoloġiċi, għaliex dawn it-tip ta' danni dejjem jiġu likwidati *arbitrio boni viri stante* li huwa impossibbli li jiġu pruvati b'provi konkreti. Fil-fatt il-konvenuti ma jagħmlu l-ebda argument marbut mal-kwistjoni ta' danni morali u psikoloġiċi.

44. Fi kwalunkwe każ, ladarba fit-talba tal-appell tagħhom il-konvenuti qiegħdin jitolbu li tiġi mħassra s-sentenza għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni kollha sofferti konsegwenza tal-garża (ċjoè fl-ammont kumplessiv ta' €15,000 u mhux biss fl-ammont ta' €10,000) din

il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra jekk dan l-ammont ta' €5,000, rappreżentanti danni morali u psikoloġiċi, huwiex ġustifikat.

45. Jibda biex jingħad illi meta l-azzjoni tirrigwarda danni *ex contractu* m'hemm xejn x'iżomm lill-Qorti milli tagħti danni morali. Isir aċċenn għas-segwenti ġurisprudenza fir-rigward:

***Alexander Falzon et v. It-Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et (1/2018) –*** *Q. Kost. 27.03.2020:*

> *"…l-interpretazzjoni prevalenti kienet illi taħt l-art. 1045 tal-Kodiċi Ċivili ma jingħatawx danni morali jew non-pekunjarji.*
>
> *L-art. 1045 iżda jirregola d-danni li jingħataw meta jkun hemm responsabilità ex delicto u mhux ukoll danni ex contractu. Issa fil-każ tallum l-attur kien impjegat mat-Tarzna, li hija entità tal-istat, u għalhekk bejn l-attur u l-istat – li llum jidhru għalih il-konvenuti – kien hemm relazzjoni kuntrattwali, u għalhekk ma hemm xejn fil-liġi ordinarja li żżomm milli jingħataw ukoll danni morali, u għalhekk kumpens sħiħ…"*

***Jane Agius v. L-Avukat Ġenerali et (33/2014)*** *Q. Kost. 14.12.2015*:

> *"Qabel ma tqis il-meritu tal-aggravju l-Qorti sejra tagħmel xi osservazzjonijiet ta' natura ġenerali dwar id-danni non-pekunjarji taħt il-liġi ordinarja.*
>
> *Qabel xejn għandu jingħad illi l-Art. 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili, li fuqhom huwa msejjes l-argument illi ma jingħatawx danni non-pekunjarji taħt il-liġi ordinarja, għax dawk l-artikoli jaħsbu biss għal damnum emergens u lucrum cessans, jinsabu fit-tieni Sub-sub-titolu (§II) tas-Sub-titolu tnejn (II) tat-Titolu erbgħa (IV) tat-tieni (II) Taqsima tat-tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili: Fuq id-Delitti u Kważi-delitti. Għalhekk jolqtu biss id-danni ex delicto u mhux dawk minn għejjun oħra ta' obbligazzjonijiet.*
>
> ***Edward Darmanin et v. Korporazzjoni Enemalta (1691/2000) –*** *Q. App. Sup. 31.05.2019*

> *"Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk, ukoll qabel l-emendi mdaħħla bl-Att XIII tal-2018 u, wara, bl-Att XXXII tal-2018, jistgħux jingħataw danni morali f'azzjoni akwiljana, fil-każ tallum l-azzjoni hija dwar dritt ex contractu – mill-ftehim kollettiv – u għalhekk ma hemm xejn li jżomm lill-qorti milli tagħti danni morali."*

46. Huwa wkoll insenjat li hekk kif persuna tintlaqa' fl-isptar bħala pazjent, jinħoloq rapport kuntrattwali bejniethom:

***Andrew Brincat et v. Tabib Ewlieni tal-Gvern et (225/1989)*** *– Q. App. Sup. 27.10.2021:*

> *"Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru, 2008, fil-kawza fl-ismijiet* ***Rose Gauci et v. Donald Felice et,*** *hekk kif persuna tidhol u tintlaqa' fi sptar bhala pazjent, jinholoq rapport kuntrattwali bejniethom, imsejjes fuq il-kunsens tacitu ta' talba ta' servizz u tal-ghoti ta' dak is-servizz."*

47. Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk jista' jitqies li t-talbiet attriċi jikkomprendu fihom ukoll talba għad-danni morali u psikoloġiċi.

48. Għal dak li jirrigwarda l-episodju tal-garża mertu tal-kawża jirriżulta li din tħalliet hemm minħabba traskuraġni da parti ta' min kien qiegħed jagħmel il-punti lill-attriċi in segwitu għall-episiotomija li kienet saritilha waqt il-ħlas.

49. Fir-rikors ġuramentat tiegħu l-attur Jurgen Stanicic xehed illi minn mindu martu kienet ħarġet mill-isptar fl-1 ta' Marzu 2011 sal-aħħar ta' April 2011 it-tabib tal-familja tagħhom kien imur jagħmel visti lil martu minħabba "rwejjah insapportabbli" li kien ikollha. Qal li kien jordnalha

mediċini għax kien qed jaħseb li għandha xi infezzjoni. Kompla hekk:

> *"Fit-30 ta' April 2011 għall-ħabta tal-għaxra ta' billejl, waqt li konna fis-sodda, indunajt li qed tħoss xi ħaġa mhux f' postha fil-parti tagħha u qaltli l-mara, "Madonna hawn x' għandi?" Kien hawn li mill-parti tagħha ħarġet swab ta' 10 by 10cm li kienet maħmuġa sew b'demm u b'ħafna materjal diżgustanti ieħor. Ir-riha insapportabbli li kien ikollha l-mara fuqha, wara li għalaqna l-iswab ġo borża, ma kienx għadha hemm. Fl-1 ta' Mejju 2011 għall-għaxra ta' fil-għodu, konna qegħdin ma' xi ħbieb oħra Għawdex fejn dak il-ħin il-mara ċemplet lil Mr Mamo, gynaecologist li bih konna ninqdew aħna u qaltlu b'li konna skoprejna u qalilha biex ma tippanikjax. Imma aħna xtaqna second opinion u għalhekk morna l-isptar Għawdex u hemm sibna tabib li eżaminaha u ordnalha xi mediċini waqt li dar fuqi u qalli dan lucky għax dan huwa każ fatali…."*

50. Fl-affidavit tagħha l-attriċi <u>Dorianne Stanicic</u> spjegat hekk fir-rigward:

> *"Wara ftit taż-żmien li kont ħriġt mill-isptar u wellidt u għamluli l-punti jiena bdejt inxomm riħa tinten ħafna ħierġa minni. Dan il-fatt dam xhur mill-aħħar ta' Frar sal-ewwel ta' Mejju. Kont jien li indunajt li kelli xi ħaġa. Fil-fatt ir-raġel kien resaq lejja u ħass illi kien hemm xi ostaklu. Jiena fittixt u bil-mod il-mod ħriġt garża illi kienet qiegħda toħloq l-irwejjaħ u din daħlet biss fl-isptar.*
>
> *…*
>
> *Dak iż-żmien żewġi kien biex iġegħlni nderri mid-depression li kelli minħabba t-tifla u anke minħabba l-irwejjaħ li kont żviluppajt iddeċieda li mmorru Għawdex. Waqt li konna Għawdex jiena ċempilt lil ommi biex inserħilha moħħa li kont kollox sew u ommi immedjatament qaltli allura wara li sibt dik il-garża ma tmurx tara tabib? Żewġi u jien iddeċidejna li nibqgħu sejrin l-Isptar Ġenerali fejn sibna attenzjoni kbira mingħand it-tabib tal-isptar ġewwa Għawdex u wara li għamel testijiet bl-ultrasound qalilna nirringrazzjaw lil Alla għax din setgħet kienet fatali. Fuq din il-garża aħna konna rċevejna mid-Dipartiment qabel bdiet din il-kawża offerta ta' ħamest elef ewro. Il-ħsara li saritli f' dak il-perijodu magħduda mal-ħsara li kienet qabel nefqitni l-flus u lili ħabitni agħar milli qatt stajt inkun u prattikament ma nista' nagħmel xejn. Kont nistħi nersaq lejn in-nies minħabba r-riħa li kelli."*

51. It-tabib tal-familja, <u>Darryl Xuereb</u>, fix-xhieda tiegħu tat-22 ta' Jannar 2015 qal hekk:

> *"Mistoqsi jekk nafx lil Dorianne Stanicic ir-rikorrenti preżenti fl-awla, ngħid iva. Nixtieq ninforma lill-Qorti li xi ġimgħa wara li r-rikorrenti Dorianne Stanicic kienet rikoverata l-isptar kienet ċemplitli u kienet qaltli li kienet qed ixxomm riħa antipatika mill-parti privata tagħha, Frar Marzu 2011 ….Niftakar li kont mort neżamina lill-istess Dorianne Stanicic f' żewġ okkażjonijiet. Jiena f' dak il-perijodu kont issuspettajt li kellha xi infezzjoni u ssomministrajtilha antibiotic. Dan hu li s-soltu nużaw għal dawn il-każijiet għaliex huma pjuttost komuni. L-ewwel darba li eżaminajt lil Dorianne Stanicic jiena ma xammejtx irwejjaħ. Ir-riħa tiddependi mill-gravita` tas-sitwazzjoni. Fil-bidu jkun hemm ftit riħa forsi meta wieħed jinħasel però biż-żmien din tikber, joħroġ id-deni u jiġru affarijiet oħra. Jiena kont ikkurajtha għar-riħa."*

52. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, taqbel li dan l-inċident tal-garża li tħalliet fil-ġisem tal-attriċi qajla jitqies bħala "*minor mishap"* għaliex huwa inaċċettabbli li meta pazjent ikun qiegħed jafda s-saħħa u l-kura tiegħu f' idejn l-isptar dan jispiċċa b'oġġett aljen ġo fih, u ma jistax jiġi eskluż li seta' kellu konsegwenżi agħar. Il-kumpens relattiv però irid ikun proporzjonat għad-dannu li tali traskuraġni effettivament tkun ikkaġunat. Din il-Qorti tapprezza li dan l-akkadut ħalla effett negattiv fuq il-ħajja tal-konjuġi Stanicic, b'mod speċjali fuq l-attriċi li, adirittura kienet tistħi tersaq lejn in-nies għaliex kienet konxja tar-riħa li kien ikollha. Madanakollu din il-Qorti qieset ukoll li:

- il-garża kkaġunat biss riħa tinten u mhux ukoll xi uġigħ;
- ir-riħa ma kinitx qawwija fil-bidu tant li t-tabib tal-familja ma xammhiex l-ewwel darba li invistaha;

- wara xahrejn l-attriċi rnexxielha tiġbed u toħroġ il-garża mill-parti mingħajr il-bżonn ta' xi intervent kirurġiku;

- wara li l-garża inħarġet, il-problema tar-riħa tinten spiċċat għal kollox;

- l-episodju tal-garża ma ħalliex xi effetti negattivi fuq is-saħħa tal-attriċi; tant hu hekk li sena wara reġgħet ħarġet tqila u welldet tarbija b'saħħitha.

53. Meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha marbuta ma' dan l-episodju, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ammont ta' €5,000 hija somma ferm ekwa u raġonevoli sabiex tikkompensa lill-atturi Stanicic għad-danni morali u psikoloġiċi li sofrew tul ix-xahrejn (bejn l-aħħar ta' Frar u l-aħħar ta' April 2011) li l-garża damet fil-ġisem tal-attriċi.

54. **Konsegwentement din il-Qorti ssib li l-appell tal-atturi huwa <u>fondat</u> fir-rigward tad-danni (patrimonjali) li ġew likwidati fl-ammont ta' €10,000 iżda huwa <u>infondat</u> fir-rigward tad-danni (morali u psikoloġiċi) li ġew likwidati fl-ammont ta' €5,000.**

## DEĊIŻJONI

55. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda:

(i) tiċħad l-appell tal-atturi; u

(ii) tilqa' limitatament l-appell tal-konvenuti u konsegwentment tvarja s-sentenza appellata fis-sens li d-danni likwidati fir-rigward tal-episodju tal-garża għandhom jiġu ridotti minn €15,000 għal €5000.

56. L-ispejjeż tal-appell tal-atturi għandhom jitħallsu mill-istess atturi, u l-ispejjeż tal-appell tal-konvenuti għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-konvenuti u l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da